**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Jonathan Ransley)**
**vs**
**Patrick Cesare**

**Illum l-20 ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Patrick Cesare ta' 39 sena, mwieled Pieta', nhar it-23 t'April 1982, bi Lawrence u Anna nee' Fave, residenti 4, Helios Flats, Flat 1, Triq il-Karrozin, Msida, detentur tal-karta' ta' l-identita' numru 252682(M);

Billi huwa akkużat talli nhar is-7 ta' Jannar 2020 għal-ħabta tal-09:50 ta' filgħodu ġewwa triq il-Kunċizzjoni, Msida;

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Joseph Formosa fil-periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Formosa;

Il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Joseph Formosa billi jiġu applikati l-provedimenti ta' l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'kas ta' ħtija jiġu applikati -provvedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta;

Rat li l-Uffiċċjal Prosekutur qara u ikkonferma bil-ġurament l-akkużi fil-konfront ta' l-imputat nhar il-15 ta' Frar 2022;

Semgħet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti eżebiti kollha;

Rat li fit-2 ta' Ġunju 2023 l-Avukat Ġenerali dehrlu illi mill-kompilazzjoni odjerna tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub:-

1. Fl-artikoli 214, 215, 216, 217, 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti wara li qrat l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali, rat li l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex din il-kawża tiġi trattata bi proċedura sommarja.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-każ jaf il-bidu tiegħu fis-7 ta' Jannar 2020 għall-ħabta tad-9:50 ta' filgħodu ġewwa Triq il-Kunċizzjoni, Msida. Il-parte civile Joseph Formosa kien qiegħed bil-kelb u niżel persuna li kien l-imputat u qabad joffendi lilu. L-imputat ta' daqqa ta' ras fuq imnieħer Joseph Forosa u jgħid li fetaħlu wiċċu. Huwa mar jirrapporta u meta mar biex jiġi eżaminat ċertifikat mediku jgħid li sofra ġrieħi gravi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti sabiex tasal għal konklużjoni jekk fiċ-ċirkostanzi kollha tistax tasal għal konklużjoni li kien l-imputati jew le taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubbju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, jkun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-każ ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course, it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri u dan għaliex kif jirritjeni l-**Manzini** fil-ktieb tiegħu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi mag]mula dina l-espożizzjoni legali, din l-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina l-fattispecje ta' dana l-każ bil-għan li jiġi stabbilit jekk f'dana il-każ tistax tirriżulta ħtija dwar l-imputazzjoni ta' grieħi gravi.

Illi minn dak li xehed Joseph Formosa, ċ-ċertifikati mediċi ippreżentati, l-filmat u l-istills jirriżulta li l-imputat ta' daqqa bir-ras fuq l-imnieħer ta' l-istess Formosa. Stat ta' fatt li lanqas ġie ikkontestat mid-difiża, u anke fit-trattazzjoni ta' l-istess difiża.

Issa stabbilit dan il-fatt, il-Qorti trid tara, ladaraba qed issir kontestazzjoni dwar in-natura tal-grieħi li sofra Joseph Formosa, dwar jekk il-ġrieħi li hu sofra kienux ta' natura gravi jew ta' natura ħafifa.

Illi l-imputat qed jiġi akkużat talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja fil-perikolu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fil-ġisem ta' Joseph Formosa . Illi jirriżulta li dak in-nhar ta' l-inċident l-imputat sofra ġrieħi. Fil-ġurnata ta' l-inċident meta Joseph Formosa mar biex jiġi invistat ai fini tar-rapport ġie iċċertifikat minn Dr Lara Azzopardi li qed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi. L-istess tabiba ma ttelgħetx biex tixhed. Għalhekk il-Qorti ħatret lill-espert mediko legali Dr Mario Scerri biex jeżamina lill-Formosa li kien għadu kif ġie operat f'imnieħru, allegatament minħabba dan l-inċident.

Fir-rapport tiegħu huwa jikkonkludi:

1. Illi Joseph Formosa allega mal-esponent illi madwar sentejn ilu kellu inċident ma' Patrick Cesare fit-triq il-Kunċizzjoni l-Imsida fejn allegatament Patrick Cesare tah daqqa ta' ras u ġarrab ftrattura fuq imnieħru;
2. Illi l-esponent ma rriżultalu mkien illi kien hemm frattura tan-nasal bone jew li kien ammess l-istpar Mater Dei għal din il-kondizzjoni;
3. Illi l-unika kodizzjoni relatata mal-inmieħer kienet nhar is-16 ta' Frar 2022 meta dan ġie ammess l-isptar għal spetoplasty li hija proċedura kirurġika biex tiġi ddrittata l-għadma u l-carthilage li tissepara l-ispazju bejn iż-żewġ nostrils;

Fix-xhieda tiegħu l-istess espert jikkonkludi li Joseph Formosa kellu kundizzjoni f'imnieħru u ġie operat għaliha iżda fl-ebda mument ma irriżulta li kellu xi frattura. Il-Qorti ttenni li anke mir-rekors ta' l-isptar ta' l-istess Formosa mkien ma jidher, li tirriżulta xi frattura bħal xi Xrays jew provi simili.

Fil-kawża il-*Pulizija vs Joseph Azzopardi* datata 30 ta' Lulju 2004 (Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri) qalet is-segwenti:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl talprovi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*

Il-Qorti mhux neċessarjament għandha toqgħod fuq dak li jgħidu l-esperti mediko-legali. Fl-ewwel lok mill-proċess kollu ma jirriżultax li Formosa kellu xi ksur f'imnieħru għalkemm iċ-ċertifikat mediku ta' Dr Lara Azzopardi jgħid li s-sintomi huma konsistenti ma' frattura. L-operazzjoni li għamel l-istess Formosa xi snin wara kienet riżultat ta' kundizzjoni fl-imnieħer li kellu u mhux konsegwenza diretta ta' l-inċident *de quo*.

Illi stabbiliti dawn il-fatti l-Qorti ma tistax issib ħtija fil-konfront ta' l-imputat li ikkawża ġrieħi ta' natura gravi fil-konfront ta' Joseph Formosa, iżda li ikkawża grieħi ta' natura ħafifa.

**Decide**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218 , 221(1), tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat Patrick Cesare ħati ta' l-imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu iżda tar-reat inqas gravi ai termini ta' l-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe' dak ta' l-offiża ta' natura ħafifa kif kompriż u nvolut fir-reat iktar gravi ai termini ta' l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-ħati Patrick Cesare għal multa ta' tlett mitt Ewro (€300) u timponi ordni ta' trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-ħati Patrick Cesare fil-konfront ta' Joseph Formosa għall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum skond id-digriet anness ma' din is-sentenza.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech-Cardona**
**Deputat Reġistratur**